C/2024/4155

26.6.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11514 — TRAFIGURA / GREENERGY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4155)

1. Fl-14 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Trafigura Group Pte. Limited ("Trafigura", Singapore), ikkontrollata minn Farringford Foundation (Panama),

— Greenergy Halo Holdings III Limited ("Greenergy", ir-Renju Unit, ikkontrollata minn Brookfield Corporation (il-Kanada).

Trafigura se takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' parti minn Greenergy (in-negozji tagħha tar-Renju Unit, Ewropej u tal-Amerika ta' Fuq).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Trafigura hija negozjant indipendenti tal-komoditajiet li jispeċjalizza fis-swieq taż-żejt, tal-minerali u tal-metalli. Għandha żewġ linji ewlenin ta' negozju: il-kummerċ fiżiku tal-komoditajiet u l-loġistika relatata, inklużi t-tbaħħir u n-noleġġ, kif ukoll l-attivitajiet relatati mal-infrastruttura industrijali,

— Greenergy hija attiva prinċipalment fil-provvista ta' prodotti petrolifiċi raffinati (inklużi l-petrol, id-diżil, il-pitrolju, u ż-żejt tal-gass), fuq bażi bl-ingrossa u bl-imnut fir-Renju Unit u fl-Irlanda, u fil-manifattura u l-provvista ta' prodotti tal-bijodiżil.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11514 — TRAFIGURA / GREENERGY

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË